# Id-dinastija Lucia

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Min hu tal-età tiegħi żgur li jiftakar il-ħanut tal-aġenti tal-mużika Ettore Lucia & sons ta' Triq ir-Repubblika il-Belt ħdejn il-Każin tal-Banda King's Own. Fil-fatt, il-familja Lucia kienet minn Avola, fil-provinċja ta' Sirakuża. Mro. Gregorio żżewweġ lil Giuseppina u minnha jingħad li kellu sitt itfal - **A**lfredo, **E**ttore, **I**talo, **O**reste, **U**baldo u Lucietta.

Kliem muftieħ: Lucia, Mro. Gregorio Lucia, Mro. Ettore Lucia, Joseph Lucia, John Lucia, Chalet, Società Filarmonica Nazionale La Valette, Soċjetà Mandolinistica La Valette, Banda San Ġiljan



Mro. Gregorio Lucia. Mill-kotba tal-minuti tal-Banda 'La Valette' insibu li, f'seduta minnhom kienet tressqet proposta biex jiġi nnominat Surmast barrani ħalli jieħu f'idejh id-direzzjoni tal-Banda. Dan il-pass seta' jittieħed għax l-Banda diġà kellha kuntatti tajbin ma' dawk Taljani, tant li fil-11 ta' Jannar 1900 il-kumitat irnexxielu jakkwista s-servizz ta' Mro. Gregorio Lucia, biex b'hekk ikun l-ewwel Surmast Direttur barrani f'sensiela ta' ħames maestri Taljani li mexxewha sal-1935, u li ma kenitx għas-sitwazzjoni politika internazzjonali ta' dak iż-żmien, kien ikollha aktar minnhom wara wkoll. Mro. Gregorio Lucia kien ġie flimkien ma' inbu Ettore bl-orkestra tagħhom u dam imexxi l-Banda 'La Valette' għal għaxar snin bejn l-1900 u l-1910, u wara reġa' lura f'pajjiżu.

Taħt id-direzzjoni ta' Gregorio, 'La Valette' mhux biss għamlet diversi żjarat fi Sqallija, iżda wkoll ħarġet bl-unuri kollha f'Konkors Bandistiku li sar f'Cantania f'Awwissu tal-1906. F'April tal-1908, 'La Valette' kisbet l-Premju f'Konkors Internazzjonali tal-Mużika li sar f'Bona.[1] F'temp ta' għaxar snin hija għamlet mhux anqas minn disa' żjarat fi Sqallija, u magħha ġieli tellgħet wkoll lis-Soċjetà Mandolinistica[2]. Fost ix-xogħlijiet ta' Gregorio nsibu l-innu bil-kor tat-tfal ad-unur Ġesù Redentur fuq kliem ta' Dr. Ruggiero Serge M.D. li kien iżżanżan fl-okkażjoni u l-benedizzjoni tal-monument tar-Redentru Divin nhar it-22 ta' Settembru 1901.



Fatt interessanti huwa li kien Gregorio li daħħal għall-ewwel darba id-drawwa li fil-marċijiet fit-toroq jibdew bir-roll fuq it-tambur bħala sinjal biex tinġibed l-attenzjoni tal-bandisti. Dan inxebbhu wkoll maż-żewġ kolpi fuq il-katuba bħala sinjal lill-bandisti li r-replika m'għandhix issir u għaldaqstant il-marċ għandu jieqaf fi tmiem it-taqsima li jkun fiha. Din id-drawwa għandha wkoll mir-roll qasir fuq it-timpani li jingħata bħala sinjal lill-udjenza biex tqum qabel ma jindaqq l-innu nazzjonali Malti. Ġieli tingħata wkoll korda fil-bidu – din tindaqq biss meta l-innu jkun ser jitkanta.

Mro. Ettore Lucia. Ettore baqa' jgħix Malta u żżewweġ lil Maria, imwielda Farrugia minn tas-Sliema, u minnha kellu familja numeruża – Joseph, Irene, Iris, Ettore, Lea, Olga, Aldo, Isabella, Guido, Margherita u Carmelina. L-aktar

---

[1] L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex (L-ewwel volum) pġ. 5 – Pubblikazzjonijiet Indipendenza – Europrint – B'Kara (1997).

[2] Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944) waqqaf l-orkestra Mandolinistika "La Valette" fl-1898 fi ħdan il-banda li ġġib l-istess isem. Biha kien jagħti wirjiet f'diversi postijiet f'Malta.

li rnexxiet fil-mużika kienet il-fessuda li għexet għal żmien twil Wales fejn mietet. Ettore, li kien għamel xi żmien jgħallem il-mużika fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi ta' B'Kara u l-pjanu lit-tfal tal-Markiż Giuseppe Scicluna (iċ-Ċisk), ikkompona bosta marċi tal-Ġimgħa l-Kbira u ħafna mużika Naplitana li kienet tispiċċa ppubblikata barra minn xtutna. Għal żmien twil kellu l-ħanut E. Lucia & Sons fi Triq ir-Repubblika, fejn kien jgħix ukoll mal-familja tiegħu. Ninette, in-neputija ta' Ettore, tiftakar li l-ħanut kien wieħed żgħir iżda fuq kien hemm sala mdaqqsa fejn kien hemm bosta pjanijiet għall-bejgħ. Huwa kien jaf jitkellem il-Malti sew, għalkemm l-aċċent Taljan dejjem hemm baqa'. Minħabba s-sitwazzjoni politika nternazzjonali li semmejna aktar 'l fuq, Ettore kien internat fi żmien il-Gwerra.




Meta saret il-faċċata l-ġdida b'żewġ kampnari tal-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris fl-1909 kien inħass il-bżonn li jitqiegħed sett ta' ħames qniepen ġodda. Għal dan il-għan, kien inħatar kumitat apposta bl-isem ta' *Pro Fondo Campane* biex jinġabru l-finanzi meħtieġa. Il-qniepen kienu ġew ordnati għand id-Ditta Enrico Bianchi ta' Verese li kienet rappreżentata f'Malta mid-Ditta Ettore Lucia tal-Belt Valletta. Iċ-ċerminonja uffiċjali tal-konsagrazzjoni tal-qniepen saret nhar il-Ħadd 8 t'Awwissu 1937 fil-bitħa ta' St. Patrick's.



Joseph Lucia (16.iii.1908-22.i.1971). Joseph kien wild Ettore, wil-kbir fost l-aħwa. Kien idoqq id-*drumkit* - [ieli anke daqq f'barijiet magħrufin fi Triq id-Dejqa l-Belt u x-Chalet[3] Tas-Sliema, fi żmien u wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Huwa kompla bin-negozju fejn ħalla missieru, u sa fetaħ ħanut ġdid fi-Triq Nofsinhar il-Belt fl-1953. Kien hu l-ewwel wieħed li ġab f'Malta strumenti tal-perkussjoni ta' ditti renomanti bħalm' huma *Sonor* u *Premier*, klarinetti *Buffet* eċċ. Kien ukoll l-ewwel aġent tad-djar editriċi ta' *Curci*, u *Boosey & Hawkes* fost oħrajn. Lejn l-aħħar tal-karriera tiegħu kien iġib ukoll pjanijiet tal-marka *Bentley*. Joseph iżżewweġ lil Pauline, imwielda Cauchi, u minnha kellu ħamest ulied – Joseph, Marie, Ninette, Marcelle, u John.





John Lucia (tw. 07.viii.54). John, li huwa wild Joseph u ż-żgħir fost l-aħwa, iżżewweġ lil Maria u minnha kellu tlitt itfal - Paula, Pamela, Kim. Peress li, fi tfulitu kien ikun dejjem fil-ħanut ta' missieru, trabba fil-mużika bla ma ried. John kien jara ħaddiema Maltin u barranin ġejjin biex jintunaw il-pjanijiet u minnhom tgħallem is-sengħa tal-intunar u laħaq teknixin tal-pjanijiet. Jispjeċalizza ukoll fil-*French Polishing* – għoti tal-lostru bit-tajjara. John ilu f'dis-sengħa sa mill-1982 wara li kien ġie lura mal-mara tiegħu mill-Awstralja fejn għex għal tmien snin.

---

[3] Ix-*Chalet* f'Għar id-Dud kien wieħed mill-aktar postijiet ta' divertiment imfittxija minn kulħadd l-aktar fix-xhur sħan tas-sajf. Ix-xogħol tal-bini ta' dan il-wieħed mil-*landmarks* popolari ta' Tas-Sliema kien f'idejn l-imprendetur Carmelo Axisa. Interessanti l-fatt li ġie inawgurat proprju lejlet il-festa ta' Lapsi f'Mejju 1926.

Ħajr lill-aħwa Ninette u Johnny Lucia tat-tagħrif u r-ritratti li għoġobhom jgħadduli.

